**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 11 ta' Frar 2025**

**Kawża Numru: 6**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1227/2024 JVC**

**Victor Zammit K/A Zammit Mangion KI 0725137M**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Victor Zammit K/A Zammit Mangion talab kif isegwi:

1. 'Illi skont c-certifikat ta' twelid Dok A l-kunjom tal-esponenti fil-gurnata tat-twelid kien Zammit;
2. Illi kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi l-esponenti dejjem kien maghruf bhala Victor Zammit Mangion u hekk ghadu maghruf;
3. Ghaldaqstant ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta hemm bzonn ta' annotazzjoni fuq l-att tat-twelid numru 47173 tal-1937;
4. Illi hemm bzonn li ssir d-debita pubblikazzjoni tas-smigh tal-kawza odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas hmistax-il gurnata qabel tali smigh.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti:

a. Wara d-debita pubblikazzjoni tas-smigh tal-kawza, tordna korrezzjoni u jew amenda tac-certifikat tat-twelid ta' Victor Zammit Mangion fis-sens li jigi notat li l-kunjom tieghu huwa Zammit Mangion u dan taht kull provediment xieraq.

Bir-riserva ghat-talba ghall-ispejjez.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti għandha tikkonferma jekk saritx pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi fl-ewwel lok, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif ġew dikjarati fir-rikors promotur. Madanakollu, mill-atti u dokumentazzjoni fil-poteri tiegħu jirriżulta s-segwenti;

**3.** Illi minn dak li jirriżulta *ictu oculi*, skont l-**Att tat-Twelid** bin-numru progressiv **7251/1937** (anness u mmarkat bħala **Dok. DRP 1**), jidher illi l-attur twieled ġewwa Malta, nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru 1937, lill '**Guzeppi Zammit**' u '**Karmena *wife of the said* Guzeppi Zammit**', fiż-żwieġ;

4. Illi in vista tal-liġi applikabbli fiż-żmien meta twieled u ġie reġistrat l-attur, huwa awtomatikament adotta kunjom missieru kif jidher fl-istess Att tat-Twelid suċitat u ċioe' l-kunjom '**Zammit**'. Id-dikjarazzjoni fuq l-Att tat-Twelid saret minn omm l-attur is-Sinjura **'Karmena Zammit'**, u għalhekk, ċertament ma jistax jingħad illi sar xi żball mill-esponent Direttur meta ġie reġistrat l-Att tat-Twelid sucitat;

5. Illi kuntrarjament għal dak imniżżel fuq l-Att tat-Twelid tal-attur, fuq l-**Att taż-Żwieġ** tiegħu bin-numru progressiv **484/1964** (anness u mmarkat bħala **Dok. DRP 2**)**,** l-attur ġie ndikat bil-kunjom **'Zammit Mangion'** u mhux **'Zammit'**;
6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent irressaq is-segwenti eċċezzjonijiet mingħajr preġudizzju għal xulxin;

7. Illi preliminarjament **fir-rigward tat-talba** magħmula mill-attur, l-esponent Direttur jirrileva illi l-attur għandu jindika u jikkonferma **n-numru progressiv u s-sena tal-Att tat-Twelid**, li fuqu qiegħed jitlob li ssir debita korrezzjoni permezz tal-kawża odjerna, tant illi dan ma ġiex identifikat fit-talba tiegħu, u ġie indikat b'mod skorrett fil-premessi tar-rikors ġuramentat;

8. Illi di piu', u għal kuntrarju ta' dak imniżżel fit-talba tiegħu, għandu jiġi ċċarat ukoll illi **l-kunjom** li jrid jadotta l-attur huwa

‘**Zammit Mangion**’ u mhux ‘**Victor Zammit Mangion**’, u dan stante illi ‘**Victor**’ huwa isem l-attur;

9. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent Direttur qiegħed jirrimetti ruħu salv illi din l-Onorabbli Qorti tkun sodisfatta illi l-attur verament u minn dejjem kien magħruf bil-kunjom ‘**Zammit Mangion**’;

10. Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ u kif spjegat aktar qabel, l-azzjoni tal-attur mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u <u>għalhekk m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti</u>;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont l-liġi;

Bl-ispejjeż kontra l-attur li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.’

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 69 tal-proċess b’dana li l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur intimat ġiet sorvolata.

Rat il-verbal tal-11 ta’ Frar 2025 illi permezz tiegħu ġew irtirati s-seba’ u t-tmien eċċezzjoni tad-Direttur intimat.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni kollha esebita mar-rikors ġuramentat illi effettivament turi li tul is-snin ir-rikorrent dejjem kien magħruf bil-kunjom Zammit Mangion u mhux biss bil-kunjom Zammit. Partikolarment, il-Qorti tagħmel referenza għaċ-ċertifikat taż-żwieġ tar-rikorrent tas-sena 1964 esebit a fol. 8 tal-proċess illi juri l-kunjom Zammit Mangion. Rat ukoll il-Karta tal-Identita' tiegħu esebita a fol. 6 et seq tal-proċess illi tirrikonoxxih illi huwa magħruf bil-kunjom Zammit Mangion.

Illi in vista tal-provi kollha fl-atti l-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrent hija gustifikata u ser tgħaddi biex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat rimanenti sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna korrezzjoni taċ-ċertifikat tat-twelid ta' Victor Zammit Mangion bin-numru 7251/1937 fis-sens li jigi notat li l-kunjom tieghu huwa Zammit Mangion u mhux biss Zammit;

3. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**4.** Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**11 ta' Frar 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**11 ta' Frar 2025**